# L-Isqof Gaetano Pace Forno.

Mis-Sur Josef Gatt

Il-Ħamrun sar ta' San Gejtanu minħabba l-isqof Gaetano Pace Forno. L-istorja nafuha li peress li hu kien l-Isqof ta' Malta , xtaq li l-parroċċa l-ġdida li kienet qed titħejja fis-subborg tal-Ħamrun tkun iddedikata lil qaddis protettur t'ismu u mhux għal San Ġuċepp. Dan bl-ebda disprezz għall-qaddis Ġużeppi, imma għal raġuni valida li l-parroċċa fil-qrib, dik tal-Imsida kienet se tiġi ddedikata lil San Ġużepp.

Imwieled fil-5 ta' Ġunju fil-Belt Victoria Għawdex, mill-ġenituri l-avukat Francesco Pace u n-nobbli Lucia dei Baroni Forno, huwa tgħammed fil-Bażilika ta' San Ġorġ Għawdex. Waqt żjara riċenti ġewwa l-Mużew tal-Ħaġar anness mal-istess bażilika, li fih jiġbor diversi oġġetti ta' arti sagra li kienu propjetà tal-bażilika mal-medda tas-snin, tgħallimt xi ħaġa interessanti li qatt ma kont smajt dwar dan l-isqof popolari magħna l-Ħamruniżi. L-istorja tgħallimna li hemm rabta kbira u qawwija bejn San Gejtanu u l-bażilika Ġorġjana fil-Belt Victoria. L-ewwel ġebla tal-knisja bażilikali tqegħdet propju fis-7 ta' Awwissa 1672 propju mitejn sena qabel ma l-istess Pace Forno ikkommisjona t-titular tal-Knisja Parrokkjali xogħol ta' maestrija tal-Artist ta' fama mondjali Pietro Galiardi. Fil-fatti nutarili tal-istess bażilika numru ta' snin qabel, xi saċerdoti talbu lill-isqof ta' dak iż-żmien sabiex jagħlmu l-uffiċċjatura ta' San Gejtanu minħabba devozzjoni li diġà kien hemm lejn dan il-qaddis. Aktarx li dan kien dovut għall-fatt li diversi gvernaturi Taljani kellhom devozzjoni u stima kbira lejn dan il-qaddis. Probabli kien b'hekk li ntgħażlet id-data tas-7 t'Awwissu, propju l-jum liturġiku ta' San Gejtanu biex tqegħdet l-ewwel ġebla tal-Bażilika preżenti. Kien hemm artal ddedikata f'post prominenti fil-ġenb tal-bażilika fuq ix-xellug li maż-żmien tneħħa biex jagħmel wisa' għall-kappella Neo Biżantina tas-Santissmu Sagrament.

Fl-20 ta' Lu;ju tas-sena 1824 Gaetano Pace Forno , wara li ħass is-sejħa għall-ħajja ikkonsagrata u reliġjuża, ipprofessa fl-Ordni tal-Patrijiet Agostinjani Maltin. Hu mar ikompli l-istudji tiegħu ġewwa l-Italja fejn fis-sena 1832 b'mod providenzjali wkoll, kien ikkonsagrat saċerdot ġewwa Napli, l-belt li fiha għadhom jistrieħu sal-ġurnata tallum il-fdalijiet ta' San Gejtanu , l-qaddis li tiegħu kien iġib l-isem. Sas-sena 1847 hu baqa' jgħallem ġewwa l-Italja u rritorna lura Malta fit-30 ta' Mejja 1847 meta kien magħżul bħala l-provinċjal tal-Ordni Agostinjana Maltija. Fit-23 ta' Settembru 1848 Pace Forno waqqaf il-kulleġġ tal-Agostinjani għas-subien fil-kunvent tal-Agostinjani stess ġewwa l-Belt Valletta. Reġa' kien magħżul provinċjal fil-kapitlu tas-sena 1854.
Fil-25 ta' Settembru 1857 Pace Forno nħatar Isqof Awżiljarju ta' Malta biex jassisti lill-Isqof Sant. Il-konsagrazzjoni tiegħu bħala isqof saret mill-Eminenza tiegħu l-Kardinal ta' Albano, Patrizi Naro. Kien biss xahrejn wara li hu ħa post l-Isqof Sant bħala l-Isqof ta' Malta.

Dam isqof sittax-il sena li fihom ħadem qatigħ! Peress li hu trabba fid-devozzjoni kbira lejn il-qaddis li kien iġib ismu, San Gejtanu Thiene, hu xtaq ħafna li jkun hawn parroċċa ddedikata għalih ġewwa Malta. Kien għalhekk li hu xeħet għajnejh fuq il-Ħamrun li kien fi stadju li jsir parroċċa awtonoma. Il-Ħamruniżi ta' dak ż-żmien, b'rispett lejn ir-ragħaj spiritwali tagħhom, aċċettaw ix-xewqa tiegħu u mill-ħsieb li l-parroċċa tkun iddedikata lil San Ġużepp, biddlu l-fehma u aċċettaw lil San Gejtanu bħala l-ħarries tagħhom. L-Isqof Gaetano Pace Forno żamm kellmtu mal-Ħamruniżi u kkonnisjona l-kwadru titulari tal-Knisja l-ġdida lil Pietro Galiardi, liema kwadru kien lest fis-sena 1872.

L-isqof Gaetano Pace Forno laħaq ra u tpaxxa bil-kwadru titulari tagħna, imma xewqtu li jkun hu li jiftaħ uffiċjalment l-knisja tal-qaddis tant għal qalbu, ma seħħitx. Dan għaliex il-knisja tagħna infetħet għall-publiku fis-sena 1875 u saret parroċċa fl-1 ta' Diċembru 1881, imma Pace Forno ħalla din id-dinja fit-22 ta' Lulju 1874, wara kif ġa għedna episkopat ta' sittax-il sena.

Il-Ħamrun għadu sallum grat lejn dan l-Isqof u b'rikonoxximent saħansitra hawn triq li kif kien xieraq issemmiet għalih. Bis-saħa ta' dan l-isqof il-fama ta' San Gejtanu kibret u għadha ħajja sal-ġurnata ta' llum.